**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u erbgħin (45) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 3 ta' Awwissu, 2015, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
|---|---|---|
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

2. Is-SE qara punt punt il-minuti u dawn kienu diskussi, korretti, amendati u approvati b'mod unanimu b'dak kollu li xtaqu jemendaw il-kunsillieri.

3. Meta kien eżawrit il-punt dwar il-proposta ta' *bicycle lanes* fir-raħal, Charlene Zammit qalet illi fi Ġnien Onġi Onġella qed jidħlu diversi tfal u żagħżagħ bir-roti u saħansitra instabu il-loqom tas-sigaretti u fliexken tal-inbid fid-*doll house.*

4. Se naraw l-opinjoni tar-residenti dwar proposta ta' *sleeping policeman* fil-bandli. Għaldaqstant se titqassam formula f'kull dar hemmhekk sabiex kull min għandu xi opinjoni jkun jista' jesprimiha filwaqt li l-kliem fl-istess ittra se jsir b'tali mod illi min ma jirrispondix ma jkunx qed joġġezzjona għal din is-*sleeping policeman,* kemm-il darba tkun konċeduta minn *Transport Malta.*

5. Dwar ir-reċipjenti tal-iskart tal-ħmieġ tal-klieb, intbgħatet il-*purchase order* lil SR Environmental u se mmorru għalihom fil-jiem li ġejjin.

6. Paul Spiteri qal illi qed jisma' spiss min qed igerger fuq l-indafa f'dawk li huma toroq urbani. Hu qal li l-ilment mhux qed ikun fuq xi zona partikulari iżda mifrux mar-raħal kollu. Grace Marie Mallia qalet li hemm ħafna ħmieġ wara l-istages u fi Triq tas-Sejba.

7. Intqal ukoll illi l-kontenuituri tal-*plastic* tal-*bring-in-sites* quddiem l-iskola qed jimtlew malajr wisq. Is-SE ippropona illi jiżdied reċipjent ieħor filwaqt li xi kunsillieri ppproponew illi jitbattlu aktar spiss.

8. Charlene Zammit talbet lill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-KLM biex jaħdmu fanal dekorattiv ġdid għal quddiem ix-xatba tal-iskola primarja biex ikun jikkumplimenta l-oħrajn li twaħħlu diġa fil-post.

9. Dwar il-proposta li jitqabbdu l-*green wardens*, Charlene Zammit qalet li diġa' bagħatna l-*order to start works* u għidnielhom liema huma z-zoni li se jkun qed jgħassu. Is-sorveljanza hija proposta fi Triq Monsinjur Alfons Caruana kantuniera ma Triq George Martin. Dwar din iz-zona Charlene Zammit qalet illi l-iskart aktarx qed ikun garat fl-għalqa għaliex meta marret hi, matul din il-ġimgħa, ma sabitx boroz tal-iskart. Dwar dan is-suġġett is-Sindku qalet illi xi residenti ħarġu borża sewda propju llum, it-Tlieta, meta jafu li llum ma jgħaddix l-*iscammel* li jiġbor l-iskart organiku.

10. Għal proposta li titpoġġa *bin on wheels* fi Triq Monsinjur Alfons Caruana kantuniera ma Triq George Martin, kien hemm qbil minn tliet kunsillieri filwaqt li Anita Farrugia qalet illi r-raħal kollu se jkun jaf biha u se jibda' jarmi l-iskart tiegħu hemmhekk, u għalhekk se toħloq aktar problema milli ssolviha għax se timtela' malajr. Charlene Zammit sostniet illi min se jpoġġi l-iskart fl-art, resident u mhux, se jitħarrek. Dwar il-ġrieden li dehru fuq il-*media* f'din iz-zona, Paul Spiteri qal illi ġaladarba hemm l-għelieqi, bil-fors se jkun hemm il-ġrieden. Madankollu hu qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku li din il-plot għandha titnaddaf mit-terrapien u l-iskart. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mil-kunsillieri preżenti. Is-SE kien mitlub iġib stimi (diġa' tlabna lil min kien hemm fuq quddiem tal-*yellow pages*) biex titnaddaf il-plot imsemmija u anke l-ġibjun il-miftuħ. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex iġib stimi minn kuntratturi li huma mir-raħal. Fil-laqgħa issemmew min huma dawn il-kuntratturi. Dwar l-għarfien ta' sid il-plot, Charlene Zammit qalet li din m'hix *f'compulsory registration area* u dan is-sid mhux magħruf. Dwar it-taħmil tal-plot, Charlene Zammit ipproponiet illi ssir konferenza stampa filwaqt li Paul Spiteri qal li hu aktar jaqbel li noħorġu *press release.* Intant Charlene Zammit, li emendat ir-risposta tal-mistoqsija parlamentari waqt is-seduta, qalet li se nsemmu li f'din iz-zona kien hemm żvilupp qawwi u jista' jkun li dawn il-ġrieden ħerġin mill-ispejjer tad-drenaġġ li hemm fl-għelieqi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Hija pproponiet li jsiru *cctv cameras* u li jitqabbdu ma propjeta' privata biex ikun hemm moniteraġġ tas-sit.

11. Għal proposta ta' *cctv cameras* fis-sit imsemmi hawn fuq, intqal li hemm problema wkoll fi Triq Ħal Kirkop u Misraħ Missjoni iż-Żgħira, fejn qed jintefa' l-iskart fejn il-bring in site u wkoll mal-ġnien, rispettivament. Għaldaqstant il-KLM qed jikkunsidra li jitwaħħlu aktar *cctv cameras.*

12. Is-SE kien mitlub jikteb lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-linja tat-triq li se tiġi espropprijata fi Triq Ganni Darmanin u Triq George Martin. Dan għaliex jidher li hemm biċċa art li għadha mhix meħuda mill-Gvern u jekk se tkun asfaltata mill-Gvern Ċentrali kif inhi, se jkun hemm ilmenti ġustifikati mir-residenti.

13. B'referenza għall-applikazzjoni tal-*Accessibility plus*, il-KLM ippropona sabiex jinstalla rampa maċ-ċimiterju, oħra għal kappella tad-Duluri, kif ukoll jirrenova il-latrina pubblika inkluż li jinstalla' *lift*.

14. Il-laqgħa mal-Onor Joe Mizzi, Ministru tat-Trasport, kienet mitluba u qed nistennew li jagħtina l-appuntament biex niddiskutu miegħu fost l-oħrajn it-trasport pubbliku.

15. It-tema tat-trasport pubbliku kienet ukoll is-suġġett tal-Viċi Sindku, Grace Marie Mallia u tal-kunsillieri Michel Farrugia u Paul Spiteri fil-ħarġa tal-fuljett li se jitqassam fil-jiem li ġejjin. Infatti kien hemm nuqqas ta' qbil dwar in-nollijiet tax-xarabank. Grace Marie Mallia kienet ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku permezz ta' *e-mail* li ma xtaqitx tkun fuq il-bord editorjali tal-fuljett minħabba dak li nkiteb fl-artikli tal-kusillieri Michel Farrugia u Paul Spiteri. Is-Sindku ddeċidiet li f'din il-ħarġa flok il-bord editorjali jkun hemm id-*disclaimer* u kulħadd jinżamm personalment responsabbli għal dak li nkiteb.

16. Kien deċiż li ndaħħlu l-provista tal-elettriku fil-pjazza quddiem iċ-ċimiterju, sabiex inkunu nistgħu ninstallaw is-*cctv cameras* quddiem il-*bring in site.* Għal din il-proposta, is-SE qal li jippreferi li tiddaħħal il-provista fil-kappella taċ-ċimiterju u l-Knisja

iżżommilna id-*dvr* tas-*CCTV* fil-kappella taċ-ċimiterju, dejjem bi qbil mal-kappillan u l-Curia.

17. Għat-talba ta' Valerie Galea biex minn *Executive Officer* titla' għal Assistent Uffiċjal Prinċipal, il-KLM iddeċieda illi m'għandux bżonn ta' Assistant Uffiċjal Prinċipal għaliex għaddej tajjeb bir-riżorsi li għandu fl-iskali preżenti. Intqal ukoll li din mhix xi ħaġa awtomatika li minn *Executive Officer* titla' għal Assistent Uffiċjal Prinċipal għaliex ma toħroġx la mill-kuntratt li kienet iffirmat Valerie Galea u lanqas minn dak iffirmat mill-UHM.

18. Għal proposta tal-programm *Read with Me*, kien deċiż illi dan jibda' jsir is-Sibt fil-għodu u l-għalliem jista' jkun *kindergarten assistant* jew *LSA* għaliex dan se jkun immirat għat-tfal sa tliet snin. Il-programm se jkun ta' siegħa fil-ġimgħa. Minn naħa tagħna għamilna l-applikazzjoni.

19. Dwar ix-xiri tal-kotba bijografiji li huma dwar persuni mill-kamp Laburista, biex jinstab bilanċ billi jkun hemm l-istess għal persuni li ġejjin mill-kamp Nazzjonalista, Steve Borg għal-Libreriji Maltin ta r-risposta tiegħu li kienet ikkupjata lill-kunsillieri, li qatt ma kien irċieva risposta minn *Media Link* bil-kwotazzjonijiet.

20. Jekk jintalab il-permess tal-kabbana tal-festa tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju xorta se jingħata fil-festa ta' Santa Marija u f'każ li l-pulizija jidhrilhom li għandhom jirtirawh, se jkunu liberi jagħmlu dan kif ġara fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju għal kabbana tal-festa tas-Soċjeta' Santa Marija.

21. Is-SE se jgħaddi kopja tar-regolamenti ta' Ġieh l-Imqabba li se jkun mogħti fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba, ħalli jifluħ il-kunsillieri.

22. Kien propost illi ssir laqgħa mal-Kappillan nhar il-31 ta' Awwissu, fis-7.15pm dwar il-quddiesa ta' ringrazzjament ta' Jum l-Imqabba.

23. Is-SE kien avzat biex javza lis-soċjetajiet mużikali sabiex nhar is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Ottubru, se jkun iċċelebrat Jum l-Imqabba bil-programm tas-soltu. Madankollu Charlene Zammit xtaqet illi jkun hemm xi tibdil fosthom billi jintramaw *stalls* fil-*basement* tal-iskola primarja nhar l-24 ta' Ottubru.

24. Grace Marie Mallia qalet li se tkun qed tagħmel il-*poster* tal-mawra ta' Kemmuna bil-*Captain Morgan* sabiex jitqassmu fil-ħwienet wara li l-iskrivani tal-uffiċċju jippreparaw il-biljetti.

25. Għal permess mitlub minn Emanuel Camilleri sabiex jagħmel majjalata lejlet il-festa fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, is-SE kien mitlub jinfurmah illi dan ma jistax joħroġ għaliex se jkun hemm in-nar tal-art armat ftit 'il bogħod – kwistjoni ta' sigurta'.

26. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jitlob għal *bus stop* temporanju fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija peress li r-rotta tat-trasport publiku fil-festa tkun devjata għaliex jingħalqu t-toroq. Is-SE qal li dan il-*bus stop* diġa' kien imwaħħal fis-sit fejn mitlub.

27. Għal talbiet mis-Soċjeta' Santa Marija, is-Segretarju tal-każin talab lill-KLM sabiex jirranġa toqba tal-festa fi Triq Santa Katerina faċċata tal-Mitħna wara li dawk mitluba

biex jerġgħu jitħaffru fi Triq il-Madonna tal-Ġilju għamilhom il-KLM *buona volonta* tiegħu.

28. Dwar id-devjazzjoni tat-traffiku f'Misraħ il-Fidwa, Paul Spiteri qal li fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju kien hemm problema.

29. Il-KLM se joħroġ *passes* fil-festa sabiex ċertu persuni inklużi dawk li jkunu involuti fin-nar tal-festa, jkunu jistgħu jidħlu f'toroq li mhux suppost jgħaddu minnhom ix-xufiera tal-vetturi. Xi *passes* oħrajn se joħorġu fuq Karmenu Ellul ex-segretarju tal-każin Santa Marija.

30. Il-KLM se jkun qed jgħid lill-kollettur tal-iskart biex ipoġġi *litter bins* fi Triq Ġanni Darmanin li fiha normalment jinġabru ħafna nies biex jaraw in-nar. Dan għaliex normalment f'din it-triq qed jintefa' ħafna skart kif ukoll daħlulna lmenti li hemm min juża din it-triq bħala latrina f'dan iż-żmien tal-festa. Dwar dan se tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija.

31. Se jinġiebu stimi biex nilqgħu fostna il-banda *Bedford* li hija l-mistiedna tal-Każin Santa Marija nhar it-13 ta' Awwissu. Is-SE kien mitlub sabiex jordna ikel u xorb għal 40 persuna.

32. Il-KLM se jagħmel talba lil *Transport Malta* biex jagħmel *yellow line* biex is-Sinjura Catherine Farrugia tkun tista' toħroġ mill-*garage* fi Triq is-Saljatura. Dan wara talba li kien hemm permezz ta' *e-mail* sabiex isiru il-kaxxi fejn jipparkjaw il-karozzi.

33. Se ninsistu ma *Transport Malta* sabiex fi Triq tas-Sejba titpoġġa iz-*zebra crossing* kif ukoll se tiġi ordnata bankina quddiem *Yan Apartment* fi Triq Ħal Kirkop. Dwar il-proposta ta' *sleeping policeman* quddiem *Sunrise Court,* Charlene Zammit qalet illi din diġa' teżisti.

34. Il-kuntratt propost biex joħroġ għall-offerta tal-ġonna kien mgħoddi lill-kunsillieri llum stess u dan ma setax ikun approvat. Għalhekk se nħallu sal-laqgħa li jmiss biex jaraw id-dettalji tiegħu il-kunsillieri.

35. Anita Farrugia talbet lis-SE iċempel lil sid in-niċċa tad-Duluri fi Triq il-Lanġasa sabiex isiru l-arranġamenti u l-KLM jgħin fir-restawr tagħha.

36. Anita Farrugia talbet illi tinqala' it-tabella tat-toroq li turi Triq Karmenu Ciantar u li twaħħlet b'tali mod illi tirreferi għal Sqaq l-Isptar/Pjazza tal-Knisja.

37. Paul Spiteri talab li tinbidel il-lampa dekorattiva li hemm maqtugħa fil-parapett tal-każin tal-Futbol. Hu qal li jekk il-ħaddiema jixgħelu dan id-dawl, wieħed ikun jaf mill-ewwel liema waħda hija.

38. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jikteb lill-kuntrattur Michel Farrugia sabiex isewwi t-triq fejn kien hemm is-saqajn tat-*tower crane* fi Triq il-Ħarriġiet.

39. Grace Marie Mallia talbet lil-librara sabiex tibda' tagħlaq sewwa l-*blinds* tal-librerija pubblika sew.

40. Charlene Zammit qalet lis-SE li kellha talba minn sid ta' kabbana mobbli li qatt ma rama' fir-raħal bl-isem ta' *Sigmund Fagerbakke.* Ma kien hemm l-ebda' oġġezzjoni li dan jarma bil-granita biss u mhux se nagħtuh permess għad-*drinks.* Hija qalet li dan diġa' jarma' f'lokalitajiet oħrajn bil-permess tal-kunsilli rispettivi.

41. Charlene Zammit kellha dawn il-proposti:

- Jiġu installati pompi fil-ġibjun sabiex jiċċirkulaw l-ilma biex b'hekk ma jiħdarx,
- Biex sakemm isir il-proġett tal-ġibjun, titpoġġa *wind-breaker* bil-għan li l-ilma jibqa' ċar u ma jkunx hemm skart fih.
- Jitbattal il-ġibjun il-miftuħ bil-bowsers tad-drenaġġ ħalli din is-sena jitnaddaf. Għal dan ix-xogħol, is-SE kien mitlub iġib stimi.

42. Paul Spiteri qal li f'każ li jkun hemm xi skema tal-gvern għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi, wieħed jista' jikkunsidra spazji miftuħa bħal per eżempju il-parkeġġ f'Misraħ il-Fidwa, billi jitwaħħlu fuq frame tal-ħadid.

43. Charlene Zammit talbet lill-kunsillieri sabiex nerġgħu naraw il-kuntratt tal-perit William Lewis, għaliex issa kien stabbilit illi l-istimi li jagħtina huma b'xejn, madankollu dawn huma possibbli li jsiru meta jkun hemm id-*design*, li m'hux *free of charge.* Is-SE se jaqla' l-kuntratt ħalli jkun evalwat fis-seduta li jmiss.

44. Charlene Zammit qalet illi hija tat struzzjonijiet sabiex jerġa' jitpoġġa l-katnazz fi Triq San Mikiel, u ftit siegħat wara dan raġa' tkisser minn xi ħadd mhux magħruf. Peress li kienu inqatgħu sbatax-il ċavetta biex ikollhom kopja ir-residenti, l-ispiża kienet madwar €50.

45. Dwar Triq il-Friefet, Charlene Zammit talbet sabiex il-ħaddiema tal-KLM inaddfuha huma.

46. Is-Sindku qalet illi kellha talba sabiex titneħħa s-*sleeping policeman* fi Triq Karmenu Ciantar madankollu ma tteħditx id-deċiżjoni.

47. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 502.

48. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar l-1 ta' Settembru, 2015 fis-6:30pm filwaqt li din spiċċat fid-9:45pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar l-1 ta' Settembru, 2015 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Sindku